C/2024/7485

17.12.2024

Avviż għall-attenzjoni tal-persuna soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3151, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3152 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

(C/2024/7485)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuna li tidher fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/3151 ([2]), u fl-Anness XIII tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3152 ([4]).

Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jaġġorna l-entrata tal-persuna msemmija hawn fuq billi jżid l-informazzjoni li tinsab fis-sommarji narrattivi tar-raġunijiet ipprovduti mill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 1718 (2006) dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, disponibbli f'Security Council 1718 Sanctions Committee Amends One Entry on Its Sanctions List | Meetings Coverage and Press Releases

Il-persuna kkonċernata tista' fi kwalunkwe ħin tressaq talba lill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 1718 (2006) bi kwalunkwe dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li tiġi inkluża fil-lista tan-NU terġa' titqies. Din it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Focal Point for De-listing
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room DC2 2034
United Nations
New York, N.Y. 10017
United States of America
Tel. +1 917 367 9448
Fax +1 212 963 1300
Email: delisting@un.org

Għal aktar informazzjoni, ara: https://www.un.org/securitycouncil/sanctions/delisting/delisting-requests

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea b'hekk aġġorna l-entrata tal-persuna msemmija hawn fuq fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2024/3151, u fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2017/1509, kif implimentat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/3152.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuna kkonċernata dwar il-possibbiltà ta' rikors lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat (i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 329/2007, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 7 tar-Regolament).

Il-persuna kkonċernata tista' tibgħat talba lill-Kunsill, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li tiġi inkluża fil-lista msemmija hawn fuq titqies mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

L-attenzjoni tal-persuna kkonċernata qed tingħibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.
([2]) ĠU L, 2024/3151, 16.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/3151/oj.
([3]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.
([4]) ĠU L, 2024/3152, 16.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/3152/oj.